MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 327/2012

**Appell Numru: 327/2012**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Adrian Warrington**

Illum, 29 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Adrian Warrington, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 736562M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru, 2011, Novembru, 2011 u Dicembru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Dorothy Warrington u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal-sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' elf, erba' mija w ghaxar ewro ( €1410.00) fi zmien erba` (4) xhur ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Adrian Warrington minnu pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi filwaqt li tikkonferamaha fir-rigward tas-sejba ta' htija, thassar jew tirrevoka fir-rigward tal-piena inflitta u timponi piena inqas harxa minn dik imposta mill-Ewwel Qorti, u cioe dik moghtija fit-13 ta' Gunju, 2012.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

a) Illi nonostante illi huwa ma ghamilx tentattiv sabiex jirranga l-kuntratt ta' separazzjoni biex jirregola s-sitwazzjoni tieghu fil-konfront tal-mara tieghu, jidher u jirrizulta pero` fir-realta tal-fatti illi l-parti li qedha titlob il-manteniment u cioe` Dorothy Warrington qed tabbuza minn din il-procedura kriminali sabiex litteralment tkisser mhux biss finanzjarjament lil appellanti Adrian Warrington izda wkoll sabiex tkompli taggravalu l-qaghda psiko-fiziku teighu billi tipprova tenforza kundizzjoni jew ahjar klawzola ta' manteniment f'kuntratt ta' separazzjoni illi ghac-cirkostanzi ta' llum hija wahda li sservi izjed bhala wahda ta' vendetta fuq il-bniedem milli ta' bzonn ghall-individwu;

b) Illi inoltre, bhala punt ta' dritt il-ligi kriminali fil-kamp ta' manteniment hija wahda li ghandha tipprotegi l-ordni pubbliku f'dawn it-tip ta' kontravenzjonijiet bhalma hija dik tal-artikolu 338(z) allura in linea ma din it-tip ta' sitwazzjoni reali li ghaddej minnha l-appellanti Adrian Warrington, kif ser jigi muri matul il-proceduri odjerni, hija wahda li per gustizzja huwa ghandu jinghata c-cans li jintegra ruhu fil-hajja tax-xoghol b'tali mod li jkun jista` jkompli jhallas il-manteniment kif inhu regolat fil-kuntratt, u dan mhux meta bniedem imkisser kif inhu, inkomplu nuzaw il-Ligi biex infarkuh b'piena li mhijiex gustifikata fir-realtajiet u cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

Ikkunsidat.

Irrizulta mill-provi illi fis-27 ta' Settembru ta' l-2005 in atti Nutar Mark Zammit, l-appellant Adrian Warrington issepara minn ma' martu Dorothy Warrington u permezz tal-klawsola 11 ta' dan il-kuntratt, giet miftehma modalita ta' pagament ghal manteniment dovut lil parti leza Dorothy Warrington. Jidher pero illi ghax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru ta' l-2011, l-appellant Adrian Warrington naqas illi jhallas lil martu l-ammont miftiehem permezz tal-kuntratt fuq imsemmi. Dorothy Warrington ghamlet rapport lil Pulizija, li pprocedew kontra l-appellant u

permezz ta' sentenza tat-13 ta' Gunju ta' l-2012, il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija sospiza ai terminu ta' l-Artiklu 28 A tal-Kap 9 u ordnat ihallas l-ammont ta' €1,410 fi zmien 4 xhur ai termini ta' l-Artiklu 28 H tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, fejn l-aggravju principali tieghu kien ghal fatt illi huwa ma hallasx b'mod kappriccjuz izda ghax kien bla xoghol u li l-parti leza kienet qed tuza dawn il-proceduri bhala vendetta fuq l-appellant sabiex tkissru finanzjarjament. Fil-mori ta' dan l-appell, kif jidhru f'diversi verbali, sar tentattiv bl-assistenza ta' l-avukati, sabiex il-vertenzi li kien hemm bejn l-appellant u l-parti leza jigu solvuti b'mod permanenti. Sakemm fl-ahhar fil-verbal tas-16 t'Ottubru ta' l-2013 gie dikjarat li l-Parte Civile rceviet l-ammonti kollha meritu ta' din il-kawza u ghal dak li jirrigwarda dawn il-proceduri ma kelliex aktar pretenzjonijiet kontra l-appellant.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi l-iskuza illi persuna ma thallasx il-manteniment ghaliex tisfa' bla xoghol, mhijiex wahda li hija accettata minn din il-Qorti, li tibqa' tinsisti illi ordnijiet jew stipulazzjonijiet kontratwali ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament. Se mai, jekk persuna jidrilha li m'hijiex f'pozizzjoni illi tkompli thallas dak stipulat, kellha tadixxi lil Qorti kompetenti sabiex tvarja l-ammonti skond ic-cirkostanzi. Dan l-appellant m'ghamlux u ghalhekk jibqa' tenut li jhallas l-ammont kif stipulat fil-kuntratt fuq imsemmi. Fil-kawza deciza mill-Appell Kriminali l-"Pulizija kontra Anthony Saliba" (15.07.1998) inghat "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit, bir-reat ta' natura kontrovenzjonali li tahtu huwa l-akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lil Qorti Civili kompetenti sabiex din, wara li tiehu kondizzjoni tal-provi, tipprovdi

billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss, wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. " (Ara ukoll il-Pulizija vs Alfred Camilleri 18.09.2002).

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Pero din il-Qorti m'hiex avversa ghas-sitwazzjoni illi nhollqot fil-mori ta' dan l-appell, meta l-partijiet irrangaw il-pendenzi taghhom u l-Parte Civile iddikjarat illi ghal dak li jirrgwarda dawn il-proceduri, ma kellha l-ebda pretenzjonijiet kontra l-appellant. F'dan il-kaz u sabiex il-Qorti tinkoriggi sitwazzjonijiet bhal dawn fejn il-partijiet jaslu ghal ftehim, anke fi stadju ta' l-appell, dejjem irriteniet illi fil-kaz li d-debitur ihallas fil-mori ta' l-appell, jista' jkun kaz ta' temperament u dan skond id-dispost tas-sentenza "l-Pulizija vs Publius Said", deciza fil-25 ta' Settembru ta' l-2003, fejn qalet « L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontrovenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta' ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skurpolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena… » U dan huwa propju dak illi ser taghmel din il-Qorti aktar u aktar meta skond il-verbal fuq imsemmi tas-16 t'Ottubru ta' l-2013, jidher li l-hlasijiet dovuti lil parti leza saru wkoll.

Ghalhekk din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-parti appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma fejn sabet il-htija izda tvarja ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok xahar prigunerija sospiza u l-hlas skond l-Artiklu 28 H tal-Kap 9, tillibera lill-appelant taht il-provediment ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------